MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 45/2011

**Paul Said (Nru. ID 352262M)**

**vs**

**Emmanuel Delicata Winemaker Ltd. (C28293)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fil-21 ta' Novembru 2011 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors fir-Registru tal-Qrati Superjuri fl-20 ta' Settembru 2010.*

*It-Tribunal zamm tmien seduti.*

*Paul Said, iktar 'il quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Robert Tufigno u Emmanuel Delicata*

*Winemaker Ltd , iktar 'il quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn George Delicata u Mario Delicata assistiti mill-Avukat Paul Gonzi.*

*L-appellant jghid li tkecca mill-impieg minghajr raguni valida skont il-ligi ghaliex dejjem qeda d-dmirijiet tieghu b'mod diligenti u darbtejn kien inghata rikonoxximent mill-Kumpanija ghall-kwalita` tajba tax-xoghol tieghu. Kien tajjeb ghax-xoghol u ma jmessux tkecca.*

*Il-Kumpanija qalet li l-impieg tal-appellant gie terminat ghal raguni valida skont il-ligi minhabba nuqqasijiet gravi fl-osservanza u ezekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu, kellu diversi twissijiet mill-management dwar in-nuqqasijiet u inghata kull opportunita` biex jiddiskuti u jispjega dwar dawn.*

*Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrizulta li:*

*- il-Kumpanija ssostni li l-appellant kien wasal fi stat li ma jaghmel assolutament xejn produttiv fl-impieg tieghu ta' cellar operator li kien jinvolvi t-thaddim ta' magni u l-manteniment taghhom kif ukoll is-supervizjoni u tahrig ta' haddiema li jaqghu taht ir-risponsabbilta` tieghu.*

*- l-appellant jikkontendi li kien gie appuntat supervisor u ma kienx aktar l-obbligu tieghu li jaghmel xoghol manwali izda li kellu jiehu hsieb il-haddieina, jara x'xoghol hemm bzonn u jizgura li jsir sew.*

*- il-Kumpanija tinnega li l-appellant qatt gie appuntat supervisor u tikkontendi li sa kemm intemm l-impieg tieghu kien ghadu cellar hand bid-doveri ta' dan il-grad. Fir-records tal-ETC kien ghadu registrat f'dan il-grad. Ghalkemm dan fih in-nifsu ma jikkostitwix prova defnita ghaliex bdil fi grad hu rekordjat l-ETC jekk dan ikun rapportat mill-principal, l-anqas ma ngiebet prova konvincenti li fil-fatt qatt gie appuntat supervisor.*

*- l-appellant kien marad serjament u sahtu ma kinetx tippermetti li jaghmel certu xoghol fiziku u kellu htiega li jistrieh perjodikament. Fit-8 ta' Marzu 2010 il-Professur*

*Soler kien iccertifika li l-appellant kien "fit to work as a supervisor in the fermentation department" prezumibbli ghax l-appellant kien tah din l-informazzjoni dwar xogholu. Fl-10 ta' Marzu 2010 ghal mistoqsija f'email mill-Kumpanija il-Professur Soler wiegeb li l-appellant hu tajjeb ghax-xoghol izda "He is, however, rather lethargic due to his treatment" Ukoll "I recommend that he be given duties that he can handle. For example, he may only be able to give 50% or 75% on some days, since he may be very tired, but on other days he could be feeling better and be able to do more". Meta talbet din l-informazzjoni l-Kumpanija staqsiet jekk l-appellant kienx medikament kapaci biex jerfa' r-risponsabbiltajiet ta' xogholu bhala operator u ta' decizjonijiet li jiehu ta' kuljum waqt li jissuppervizza xoghol ta' haddiema ohra.*

*- l-Kumpanija ddikjarat li tterminat l-impieg tal-appellant ghal ragunijiet dixxiplinarji izda tatu 12-il gimgha notice li hallsitu taghhom u qaltlu biex joqghod id-dar jistrieh..*

*Ibbazat fuq din ix-xhieda t-Tribunal ezamina jekk l-appellant kellux jitqies bhala supervisor jew inkella bhala operator b'element ta' supervizjoni, jekk setax jaqdi d-doveri tal-grad tieghu, jekk giex imwissi dwar l-allegati nuqqasijiet, jekk infurmax il-Kumpanija dwar il-kundizzjoni ta' sahtu u jekk inghatax opportunita` xierqa li jispjega l-pozizzjoni tieghu.*

*Fin-nuqqas ta' prova li l-appellant qatt gie appuntat supervisor it-Tribunal ikollu jqis li kien ghadu fil-grad ta' cellar hand. Mic-certifikat tal-Professur Soler jirrezulta li ma kienx f'pozizzjoni li jwettaq id-doveri ta' dan il-grad kif mistenni. Il-Kumpanija tghid li l-appellant gie mwissi dwar in-nuqqaqsijiet tieghu fix-xoghol izda l-appellant jichad u jiddikjara li qatt ma nghata xi twissija. Ghalkemm il-Kumpanija tghid li wissietu verbalment waqt laqghat mal-management ma jirrezultax li qatt inghata warning bil-miktub. Meta mistoqsi minn Diretturi tal-Kumpanija dwar l-istat ta' sahtu kien isostni li hu tajjeb ghax-xoghol. Mill-email tal-10 ta' Marzu 2010 mibghuta mill-General Manager lill-Professur Soler jidher car li l-Kumpanija*

*kienet taf li l-appellant kien marid serjament. Din tindika wkoll li x-xoghol tieghu kellu element ta' supervizjoni.*

*Wiehed forsi seta' jippretendi li Kumpanija f'qaghda finanzjarja tajba kienet turi aktar apprezzament ghal servizz tajjeb hafna li ta haddiem ghal snin twal u ssib mezz kif izzommu fl-impieg jaghmel supervizjoni u tezentah minn xoghol fiziku li ma kienx jiflah ghalih meta marad. Izda zgur ma kellux jigi dikjarat li l-impieg tieghu gie terminat ghal ragunijiet dixxiplinarji meta kien mahruf li kien hemm limitazzjoni f'dak li seta' jaghmel minhabba l-istat ta' sahtu. Din id-dikjarazzjoni cahhditu milli jircievi ghajnuna tal-qaghad meta kien qed jitlef l-impieg kawza ta' mard serju u mhux ghal xi mgieba hazina jew nuqqasijiet tort tieghu.*

*Il-Kumpanija meta tat lill-appellant notice ta' 12 il-gimgha u hallsitu taghhom jindika li kienet konxja li t-terminazzjoni ta' l-impieg ma saretx propjament ghal ragunijiet dixxiplinarji u hasset li kien jisthoqqlu rikonoxximent ghal snin twal ta' servizz tajjeb li kien ta lill-Kumpanija. Meta nfurmat lill-appellant biex joqghod id-dar jistrieh uriet li kienet taf bil-kondizzjoni hazina ta' sahtu.*

*It-Tribunal ma jistax jordna li xi principal izomm fl-impieg haddiem li ma jistax jaqdi d-doveri kollha tal-grad tieghu izda jidhirlu li f'dan il-kaz l-appellant sofra ngustizzja minhabba dikjarazzjoni li ma kinetx tirriffletti c-cirkostanzi propji tal-kaz meta kien jixraqlu ghajnuna bhala apprezzament ta' snin ta' servizz lejali.*

*It-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jiddeciedi li ghandu japplika n-norma tal-gustizzja naturali, u jordna li l-Kumpanija thallas lill-appellant kumpens ta' €10,000 (ghaxart elef ewro) fi zmien sitt gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.*

*Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba limitazzjoni ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.*

*Ghal-finijiet tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disghejn ewro).*

*B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol."*

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kumpanija appellanti Emmanuel Delicata Winemaker Ltd datat 2 ta' Dicembru 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez kollha kontra l-appellat.

Rat ir-risposta ta' Paul Said datata 14 ta' Dicembru 2011 a fol 12 tal-process fejn sostna ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Marzu 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-6 ta' Marzu 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Robert Tufigno ghall-appellat prezenti, u Dr. Paul Gonzi ghas-socjeta` appellanti rapprezentata minn Mario Delicata. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2012.

Rat ir-rikors ta' Paul Said datat 20 ta' Marzu 2012 a fol 17 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tirrikjama l-kawza ghal seduta qabel sabiex fiha taghti s-sentenza qabel id-data fuq imsemmija; u l-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti; rat ir-risposta; u laqghet it-talba, u rrikjamat il-kawza ghall-istess ghall-31 ta' Mejju 2012 kif jidher bid-digriet moghti fis-7 ta' Mejju 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datata 21 ta' Novembru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tas-socjeta' appellanti huma (a) t-Tribunal ma ddikjarax ghaliex it-tkeccija tal-appellat ma kienitx ghar-raguni xierqa skond il-ligi kif tenut li jaghmel skond l-**artikolu 82 (2) tal-Kap. 452** anzi minn qari tad-decizjoni skond is-socjeta' appellanti jirrizulta li t-Tribunal iddecieda li l-priincipal ma jistax jigi ritenut li jzomm fl-impjieg tieghu haddiem li ma jistax jaqdi d-doveri kollha tal-grad tieghu; (b) gie pruvat mhux biss li kien hemm tkeccija gusta izda wkoll li s-socjeta' appellanti adottat il-procedura idonea ghat-tkeccija u ghalhekk meta t-Tribunal sostna li l-appellat kellu jithallas kumpens ghaliex *"f'dan il-kaz l-appellant sofra ngustizzja minhabba dikjarazzjoni li ma kinetx tirriffletti c-cirkostanzi proprji tal-kaz meta kien jixraqlu ghajnuna bhala apprezzament ta' snin ta' servizz lejali"* din kienet decizjoni zbaljata; (i) f'dan il-kaz inghataw diversi warnings verbali u dawn ma jistghux jigu njorati (**"John Cutajar vs Allegro Andante Limited"** (A.I.C. (PS) – 2 ta' Ottubru 2009) kif skond s-socjeta' appellanti gew injorati mit-Tribunal Industrijali; (ii) hemm kontradizzjoni fid-decizjoni ghaliex f'mument minnhom jghid li t-Tribunal ma jistax jordna li principal izomm fl-impjieg persuna li ma tistax taghmel xogholha u fl-istess nifs jinghad li l-kumpanija kellha turi apprezzament ghal servizz tajjeb hafna li ta haddiem ghal snin twal u ssib mezz kif izzommu fl-impjieg jaghmel supervizjoni u tezentah minn xoghol fiziku li ma kienx jiflah ghalih; (iii) it-talba tal-appellat kienet li jigi ddikjarat li t-tkeccija kienet ingusta u jigi ordnat li jirritorna fl-impjieg u dan ma sarx ghaliex l-appellat ma kienx f'posizzjoni li jahdem tant li minn jeddu talab ghall pensjoni tal-invalidita' skond l-**artikolu 26 tal-Kap. 318;** (iv) fejn it-Tribunal qal li d-dikjarazzjoni tal-kumpanija cahdet lill-appellat milli jircievi l-ghajuna legali turi wkoll li ma kienx hemm tkeccija ngusta ghaliex kien l-agir tal-appellat li wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghi; (v) kontradizzjoni ohra fid-decizjoni hija meta sostniet li l-kumpanija kellha turi iktar aktar apprezzament lill-haddiem u mbaghad tghid li l-kumpanija hasset li kellha turi rikonoxximent lejn l-appellat

billi taghtu kumpens ta' 12-il gimgha paga; (vi) dwar l-ammont ta' kumpens dan ma jistax jigi stabbilit arbitrarjament izda kellu jiehu in konsisderazzjoni l-indikaturi msemmija fl-artikolu 82 tal-Kap. 452, nkluz f'dan il-kaz li kien ircieva 12 il-gimgha paga u li l-haddiem kien applika sabiex jircievi pensjoni ta' invalidita' u minflok it-Tribunal kellu japplika u jfisser tali ammont ta' kumpens fid-dawl tan-norma ta' principji naturali skond kif indikat fl-artikolu 78 (2) tal-Kap. 452 u dan ghaliex anke fil-kaz ta' likwidazzjoni ta' kumpens ghandu jkun hemm motivazzjoni, ghalkemm mhux bil-fors elaborata hafna **("Peter Spiteri vs Xeureb Glass Co. Ltd"** (A.I.C. (PS) – 10 ta' Ottubru 2005).

Illi din il-Qorti rat il-provi kollha prodotti u d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali u thoss li fid-decizjoni tieghu l-istess Tribunal wassal ghall konkluzzjoni li t-tkeccija tal-appellat mis-socjeta' appellanti kienet ghar-raguni mhux gustifikata skond il-ligi u dan peress li gie dixxiplinat talli allegatament ma kienx qed jaghmel ix-xoghol tieghu meta fil-verita' rrizulta li dan ma kienx il-kaz.

Illi fil-fatt inghad mis-socjeta' appellanti li l-appellat tkecca ghaliex ma kienx ilu jaghmel xoghol ghal sentejn shah, u s-socjeta' appellanti kienet anke kellmet lill-appellat dwar dan, izda fil-verita' t-Tribunal, fid-diskrezzjoni tieghu tal-apprezzament tal-provi, ma emminx dan, ghaliex sostna li l-provi juri li l-haddiem kien jaghmel ix-xoghol tieghu, u li wkoll qatt ma gie mwissi, u wkoll kien tajjeb biex jaghmel xogholu minkejja li kien ghaddej minn mumenti difficli ghaliex kien qed jiehu kura ghal marda serja li hakmitu, u allura l-Bord qaghad fuq dak li kien irrapporta it-tabib jew konsulent mediku tal-kumpanija stess li sostna li l-haddiem kien *"fit for work"*, mentri s-socjeta' appellanti kif jew ftit wara li irceviet il-konsult tat-tabib taghha sejhet lill-appellat u tterminatlu l-impjieg tieghu, anke jekk hallistu pagament bhala *notice* (illum qed jissejjah minnha kumpens *ex gratia*) ghal 12 il-gimgha paga, liema pagament ta' notice ma huwiex kompattibbli fil-verita' ma' allegazzjoni jew vantazzjoni ta' tkeccija ngusta.

Illi minn qari tad-decizzjoni mehuda fl-assjem taghha jirrizulta li effettivament id-decizjoni sostniet li t-tkeccija saret ghar-ragunijiet dixxiplinari li ma kellhomx jigu attwati fil-konfront tal-appellat ghaliex ma kienx hemm xejn ghaliex l-istess appellat kellu biex jigi hekk dixxiplanat ghaliex kull ma sab it-Tribunal kien biss li kien maghruf *"li kien hemm limitazzjoni f'dak li seta' jaghmel minhabba l-istat ta' sahtu"* l-impjegat u dan huwa bbazat fuq dak li kiteb Profs. Jean Karl Soler meta kiteb testwalment f'e-mail datata 10 ta' Marzu 2010 (Dok. "C") *"Mr. Said is fit for work. He is, however, rather latergic due to his treatment. He is currently on chemotherapy for a tumour of the kidney….".* Fil-fatt fil-15 ta' Marzu 2010 inghata in-*notice* u thallas *notice payment* ta' 12 il-gimgha paga, b'mod li tkeccija tieghu giet effettiva fl-4 ta' Gunju 2010 (Dok. "D"). Fil-fatt dak li hemm fl-istess kumment mediku ma jikkombaccjax mhux biss mal-allegazzjoni tas-socjeta' appellanti li l-appellat ma kienx tajjeb ghax-xoghol, izda wkoll mal-ittra ta' terminazzjoni datata 15 ta' Marzu 2010 (Dok. "B") fejn fl-istess ittra ma jinghadx li l-impjegat naqas minn xogholu jew kienu qed jittiehdu passi dixxiplinari kontra tieghu, izda biss li wara li raw l-*perfomance* tal-appellat ghall dawn l-ahhar sentejn, iddecidew li jitterminaw l-impjieg tieghu u hallsuh notice u mela allura mill-ittra stess ta' terminazzjoni ta' impjieg jirrizulta li ma kienx hemm raguni gusta u legali sabiex l-impjieg tal-appellat jigi terminat. Dak li fil-fatt gie deciz mit-Tribunal, u l-posizzjoni li qed tvanta s-socjeta' llum tikkontrasta mal-mod kif hija stess agixxiet fil-konfront tal-appellat, u t-Tribunal Industrijali, mill-apprezzament ta' provi li ghamel, sab, kif seta` jaghmel fid-diskrezzjoni tieghu, li abbazi tal-provi prodotti s-socjeta' appellanti kecciet lill-appellat ghar-ragunijiet mhux validi skond il-ligi, u b'hekk cahdet l-allegazzjoni tal-istess socjeta' li l-appellat tkecca ghaliex ma kienx qed jaghmel xogholu u/jew li ma kienx kapaci jaghmel xoghlu u f'dan hemm konfort anke kemm mill-agir a tempo debito tad-dirigenti tas-socjeta' appellanti stess, anke fl-ittra stess ta' terminazzjoni redatta minn Edric Bonello, u wkoll minn dak li kiteb il-konsulent mediku inkarigat mill-istess socjeta' sabiex jezamina lill-appellat. Fuq kollox id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali, hija skond il-ligi, u minn

qari taghha jidher car li hija fil-fatt iddeciedet li t-tkeccija tal-appellat kienet ingusta u mhux skond il-ligi u allura kull punt ta’ dritt li setgha kien hemm minhabba l-posizzjoni li hadhet is-socjeta’ appellanti minhabba l-allegat nuqqas fid-decizjoni, mhux fondat ghaliex l-istess decizjoni tindirizza sew dan il-punt u allura l-ewwel aggravju qed jigi michud. In kwantu l-aggravju/i jirreferu ghall-apprezzament ta’ provi, din il-Qorti thoss, li ovvjament dan jesorbita mill-kompetenza ta’ din il-Qorti fis-sens li hemm appell biss quddiem din il-Qorti fuq punt ta’ dritt u mhux fuq apprezament ta’ fatti. B’hekk dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghad li mhux minnu li fid-decizjoni jinghad li l-appellat fil-kaz in kwistjoni ma kienx tajjeb ghax-xoghol izda xorta wahda mbaghad inghad li l-appellat soffra ingustizzja minhabba li d-dikjarazzjoni li saret mis-socjeta’ appellanti li ma kienitx tirrifletti c-cirkostanzi proprji tal-kaz, ghaliex minn qari tad-decizjoni fl-assjem taghha jirrizulta li t-Tribunal kien car meta ddecieda li ma kienx hemm raguni valida ghaliex l-appellat kellu jigi dixxiplinat bit-telf ta’ impjieg ghaliex kien ghamel ix-xoghol tieghu u kien kapaci jaghmel ix-xoghol tieghu u dan minkejja li kien ghaddej b’diffikulta f’sahtu li s-socjeta’ appellanti kienet taf biha anke tramite l-konsulent mediku taghha. Hija f’dan is-sens d-decizjoni tat-Tribunal u hekk f’dan is-sens hija tifsira taghha u ghandha tinqara. Dan l-aggravju (b) ghalhekk qed jigi michud.

Illi l-kwistjoni ta’ *warnings,* indikata fl-aggravju hawn indikat bhala (b) (i) jidher li t-Tribubal accetta t-tezi tal-appellat li ma kienx hemm warnings mhux biss bil-miktub, izda lanqas verbali, u fil-verita’ dan huwa punt ta’ fatt li ovvjament jesorbita mill-kompetenza ta’ din il-Qorti.

Illi dwar l-allegat kontradizzjoni li s-socjeta’ appellanti qed tghid li kien hemm fid-decizjoni ndikat fuq bhala (b) (ii) dan lanqas jirrizulta ghaliex kull ma kien qed jaghmel it-Tribunal kien biss li josserva li principal mhux tenut li jzomm impjegat jekk dan ma huwiex kapaci jaghmel xogholu, izda bl-ebda mod l-istess Tribunal ma qal li dan

kien il-kaz. Li qal it-Tribunal kien li dan ma kienx kaz, u fil-fatt sostna li l-appellat ma kellux jigi dixxiplinat ghaliex ma kienx hemm raguni ghaliex kellu jigi hekk dixxiplinat ghaliex ma rrizukltax li l-appellat ma kienx jaghmel xoghol jew mhux kapaci jaghmel xogholu, izda biss li s-socjeta' appellanti konxju ta' dak li ghaddej minnu l-impjegat ma kellhiex tkeccih mhux fuq biss ghaliex l-operat tieghu ma kienx jimmerita dan, izda wkoll fid-dawl tas-servizz twil u lejali li l-appelat  ta lis-socjeta' appellanti. B'hekk dan l-aggravju wkoll qed jigi michud.

Illi dwar l-ilment indikat fl-ittra (b) (iii) hawn fuq jinghad li l-interpretazzjoni korretta ta' dak li gie deciz u li rrizulta mill-atti huwa li addett tal-Agenzija Appogg minhabba l-fatt li l-appellat sab li ma setax jircievi ghajnuna tal-qaghad minhabba li s-socjeta' appellanti kecciet lill-appellat, mela allura sab mod kif l-appellat ikun jista' jiehu xi forma ta' ghajnuna socjali, u wara li tkecca applika ghall-pensjoni ta' invalidita'. Dan pero' ma jfissirx li allura d-decizjoni tas-socjeta' appellanti li tkecci lill-appellat bhala mizura dixxiplinari kienet korretta, specjalment ghaliex iz-zmien kien differenti u d-decizjoni tas-socjeta' appellanti kienet inhadhet fil-15 ta' Marzu 2010 u x'gara wara ma jeffettwa bl-ebda mod id-decizjoni meta u kif ittiehdet. Fuq kollox Cornelius Mulvenay senior social worker fl-Isptar San Boffa spjega fis-seduta tad-29 ta' Awwissu 2011, fejn qal li la darba tkecca l-appellat la seta` jircievi ghajnuna socjali u lanqas jirregistra ghax-xoghol kif xtaq u allura l-istess social worker issugerixxa li japplika ghall-pensjoni ta' invalidita' anke jekk ghall-perjodu ta' sena minhabba is-sitwazzjoni li minhabba t-tkeccija u dak in-nhar ta' sahha attwalment sab ruhu fiha dak in-nhar. Dan ma kienx il-mertu ta' dak deciz mit-Tribunal u allura anke dan l-aggravju qed jigi michud. Dan l-istess argument japplika ghall-punt (b) (iv) fuq indikat u allura anke dan l-aggravvju qed jigi michud.

Illi dwar il-punt (b) (v) il-Qorti ma ssib l-ebda kontradizzjoni ghaliex il-fatt li l-impjieg gie terminat l-impjieg tas-socjeta' appellanti bhala mezz dixxiplinarju ghall l-agir tal-appellat, li ma giex ippruvat u il-mod kif sar, wera fl-opinjoni tat-Tribunal li kien hemm ukoll nuqqas ta' apprezzment tas-

socjeta' appellanti ghas-snin ta' hidma li rrenda lill-istess socjeta'; dan gie temperat mill-hlas ta' *notice* ta' 12 il-gimgha paga mis-socjeta' appellanti lill-appellat, u dan sar skond it-Tribunal ghaliex il-kumpanija hasset li l-appellat proprju ghall kemm zmien irrenda servizz legali kien jisthoqqlu rikonoxximent. Izda dan ma jfissirx li t-Tribunal qal li s-socjeta' appellanti agixxiet sew meta kecciet lill-appellat bhal passi dixxiplinarju meta ma kienx kaz ta' hekk. Anzi dak li t-Tribunal qed jghid u qal li talli decizjoni ta' tkeccija kif sar is-socjeta' appellanti qatt ma kellha tasal ghaliha, mhux biss ghaliex ma kienx il-kaz, izda wkoll in vista tas-snin li ghamel jaghti servizz lejali l-appellat, li gie fuq kollox biss deminimis rikonnoxut mis-socjeta' appellanti.

Illi dwar l-ahhar aggravju din il-Qorti thoss li mkien ma jirrizulta li sabiex inhadem il-kumpens l-istess Tribunal ma hax in konsiderazzjoni dak indikat fl-**artikolu 81 (2) (a) tal-Kap. 452** li jipprovdi li *"meta jistabilixi l-ammont it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie mkecci minghajr kawza gusta kif ukoll cirkostanzi ohra, inkluz l-eta' u s-snajja tal-haddiem li jistghu jaffetwaw il-potenzjal ta' impjieg ta' dak il-haddiem"* u allura kien fuq din il-bazi u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz li l-appellat lanqas setgha japplika ghall xoghol u lanqas jircievi ghajnuna socjali minhabba d-dikjarazzjoni ta' tkeccija tas-socjeta' appellanti fil-konfront tieghu u fatturi ohra rilevati mill-appellat quddiem it-Tribunal li jidher li l-istess Tribunal ikkonsidra iffissa tali kumpens skond il-ligi u l-fatt li ma semghiex id-disposizzjoni ad hoc tal-Ligi ma jfissirx li ma hax konsiderazzjoni tal-istess, tant li rrefera ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz li huwa kien spjega proprju fid-decizjoni tieghu u wkoll ghan-norma ta' gustizzja naturali u la darba dan huwa legalment korrett ma huwiex il-kaz li tali fissazzjoni ta' kumpens tigi sindikata minn din il-Qorti u dan ghar-ragunijiet ben esposti fis-sentenza **"Saviour Sammut vs Autosales Limited"** (A.I.C. (PS) – 19 ta' Mejju 2005). B'hekk anke dan l-aggravju qed jigi respint u allura l-appell odjern qed jigi michud ghaliex infondat kif hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat datata 14 ta' Dicembru 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti Emmanuel Delicata Winemaker Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 2 ta' Dicembru 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet "Paul Said vs Emmanuel Delicata Winemaker Limited" (Decizjoni Numru 2144/GBC) datata 21 ta' Novembru 2011 (Kaz Numru 2833/GBC) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' appellanti Emmanuel Delicata Winemaker Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------